

31989R0789

30.3.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 85/3

## IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 789/89

ta' l-20 ta' Marzu 1989

li jwaqqaf miżuri speċifiċi għal-lewż u l-imżiewed u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1035/72  
dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi s-sitwazzjoni fis-suq tal-frott u l-ħxejjex, li hija essenzjalment dik għall-lewż, ġellewż jew is-siġar tiegħu, ġewż u pistaċċi, hija maqtugħa sew mill-ħtiġiet tekniċi u kummerċjali mill-punto di vista taż-żewġ kondizzjonijiet tekniċi ta' produzzjoni, li huma karatterizzati minn numru kbir ta' oqsma żgħar u livell baxx ta' mekkanizzazzjoni, li allura jwasslu għal produzzjoni baxxa u spejjeż għolja, u kundizzjonijiet tas-suq;

Billi l-istess sitwazzjoni hija fattur fil-koltivazzjoni ta' l-imżiewed; billi, f'ċerti reġjuni tal-Komunità, dik il-koltivazzjoni hija marbuta ma' ġonna tas-siġar li jipproduċu l-ġewż u jistgħu jiġu amalgamati mal-koltivazzjoni tal-ġewż biex jagħmlu masġar wieħed omogeneju; billi għalhekk il-miżuri introdotti għall-ġewż għandhom jiġu estenzi biex ikopru l-imżiewed;

Billi t-twaqqif ta' organizzazzjonijiet ta' produttori, li jqiegħdu l-obbligu fuq il-membri tagħhom li jikkonformaw mar-regoli adottati mill-organizzazzjonijiet biex titjeb il-kwalità tal-prodott u biex jaddattaw il-volum għall-ħtiġiet tas-suq, għandu jkun mod xieraq biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet strutturali msemmija; billi dispożizzjonijiet biex titħaffef il-formazzjoni u t-tħaddim ta' organizzazzjonijiet simili għandhom ikunu adottati;

Billi inċentiv ta' din ix-xorti jista' jiġi pprovdut l-ewwelnett bl-għoti ta' għajnuna b'rata fissa għall-formazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet li titħallas fl-aħħar ta' l-ewwel u t-tieni sena tal-marketing wara d-data ta' l-għarfien speċifiku ta' organizzazzjoni mill-Istat Membru xieraq, u b'żieda ma' l-għajnuna pprovduta f'Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2238/88 <sup>(3)</sup>; billi dispożizzjonijiet għandhom isiru biex il-Komunità tidħol bi sħab biex tiffinanzja din l-iskema billi tħallas 50 % ta' l-għajnuna mogħtija mill-Istat Membru;

Billi, biex l-organizzazzjonijiet tal-produttori li jipproduċu u jinneogzjaw ġewż u/jew imżiewed ikunu jistgħu jikkonċentraw il-provista, biex iqassmu r-rilaxx fis-suq tal-prodotti tagħhom,

b'mod partikolari billi joħlqu l-kapaċitajiet xierqa ta' ħżin, u biex itejbu l-kwalità tal-prodott, il-ħolqien ta' fondi rotanti għal dawn l-organizzazzjonijiet għandha tkun imħeġġa; billi inċentiv bħal dak jista' jiġi provdut permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u mill-Komunità biex jitwaqqfu dawk il-fondi rotanti b'limitu stabbilit b'referenza għall-valur tal-prodotti mibjugħa mill-organizzazzjonijiet tal-produttori matul sena partikolari tal-marketing;

Billi fl-interess li jħeġġu aktar il-produttori li huma membri ta' organizzazzjoni biex jimmodernizzaw l-oqsma tagħhom biex jilhq u l-ħtiġiet tas-suq, l-għoti ta' għajnuna għall-formazzjoni ta' organizzazzjoni u għat-twaqqif ta' fond rotanti għandu jsir bil-kondizzjonat għall-preżentazzjoni ta' proġett ta' titjeb fil-kwalità u fil-marketing li jrid ikun approvat mill-awtoritajiet nazzjonali maħtura mill-Istati Membri; billi, biex ikun konsistenti ma' l-għanijiet ta' l-iskema, dan il-pan għandu jfittex l-ewwelnett biex iġib fis-seħħ titjeb ġenetiku u kulturali fil-prodotti mkabbra fl-imsaġar li huma mogħtija għall-produzzjoni ta' prodott omogeneju u m'humiex imferrxa qalb imsaġar oħra; billi għajnuna speċifika għandha tingħata għat-tfassil ta' dak il-proġett u għandu jkun finanzjat bi sħab mill-Istati Membri u l-Komunità; billi l-livell ta' l-għajnuna għandu madankollu jkun limitat u l-għajnuna nfnisha temporanja u dejjem titnaqqas biex tippermetti li l-piż tar-responsabbiltà finanzjarja jgħaddi b'mod progressiv fuq il-produttori;

Billi, fl-interessi li l-prodotti jinġiebu għall-attenzjoni tal-konsumaturi kollha eżistenti jew potenzjali, il-promozzjoni tal-marketing li jimxi mal-ħtiġiet tas-suq u jingħata impetu lill-attività ta' l-organizzazzjonijiet tal-produttori tal-ġewż, dispożizzjonijiet għandhom isiru għall-Komunità biex tikkontribwixxi għall-iffinanzjar ta' miżuri biex jiżviluppaw u jtejbu l-konsum ta' dawn il-prodotti;

Billi huwa xieraq li wieħed jinkludi l-imżiewed mal-prodotti koperti mill-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex u li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru No 827/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq ta' ċerti prodotti elenkati f'Anness II tat-Trattat <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3911/87 <sup>(5)</sup>,

<sup>(1)</sup> Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Marzu 1989 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 198, tas-26.7.1988, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 151, tat-30.6.1968, p. 16.

<sup>(5)</sup> ĠU L 370, tat-30.12.1987, p. 36.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 huwa emendat kif ġej:

1. Dan li ġej huwa miżjud ma' Artikolu 1(2):

"Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1212 10 10	Imżiewed"

2. L-inċiż li ġej huwa miżjud ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 1(3):

— "ġewż, frisk jew niexef, imżiewed mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Awissu."

3. It-Titolu li ġej huwa mdaħħal:

#### "TITOLU IIa

### Miżuri speċifiċi għall-ġewż u l-imżiewed

#### Artikolu 14a

Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan it-Titolu għandhom japplikaw għal:

- lewż li jaqgħa taħt il-kodiċi NM 0802 11 90 u 0802 12 90,
- ġellewż jew siġar tiegħu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0802 21 00 u 0802 22 00,
- ġewż li jaqgħa taħt il-kodiċi NM 0802 31 00 u 0802 32 00,
- pistaċċi ji jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0802 50 00,
- imżiewed li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1212 10 10.

#### Artikolu 14b

1. Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 14, l-Istati Membri għandhom jagħtu għajjnuna b'rata fissa, bħala inċentiv għall-formazzjoni, lill-organizzazzjonijiet ta' produttori li l-attività ekonomika tagħhom tiffoka l-aktar fuq il-produzzjoni u l-marketing ta' ġewż u/jew imżiewed u li jkun ippreżentaw pjan ta' titjib fil-kwalità u marketing approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skond Artikolu 14d.

L-għajjnuna għandha tingħata lill-organizzazzjonijiet ta' produttori li jkollhom l-għarfien mill-awtorità nazzjonali kompetenti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-livell ta' għajjnuna msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat skond il-kwantità ta' ġewż u/jew imżiewed mibjugħa mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi matul l-ewwel sena tal-marketing li tiġi wara d-data ta' l-għarfien speċifiku tagħha, kif imsemmi fil-paragrafu 1. Ammont wieħed ta' għajjnuna għandu jiġi ffixat għal kull lott ta' kwantità. L-għajjnuna għandha titħallas fl-aħħar ta' l-ewwel u t-tieni sena tal-marketing li tiġi wara l-għarfien.

L-għajjnuna mogħtija għandha titħallas lura mill-Fond ta' Gwida u Garanzija ta' l-Agricoltura Ewropea, Sezzjoni Gwida, b'rata ta' 50 %.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li għandhom l-għarfien skond dan l-Artikolu, billi jagħtu n-numru tal-membri u l-kwantitajiet mibjugħa minn kull wieħed matul l-ewwel sena tal-marketing.

4. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi d-daqs tal-lottijiet imsemmi fil-paragrafu 2 u l-ammont ta' għajjnuna li għandha tapplika matul kull lott.

#### Artikolu 14c

1. L-Istati Membru għandhom jagħtu għajjnuna speċifika lill-organizzazzjonijiet ta' produttori li jwaqqfu fondi rotanti skond dan l-Artikolu u li jkun ippreżentaw pjan ta' titjib fil-kwalità u l-marketing approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skond Artikolu 14d.

2. Il-fondi rotanti għandhom jiġu użati biex jistabbilizzaw il-provista billi jipprovdu fondi għall-ħżin meħtieġ biex ikun jippermetti żmien xieraq għall-bejgħ fis-suq, u biex ikun jippermetti titjib fl-ippakkjar fl-interessi ta' marketing aħjar. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jużaw il-fond b'mod partikolari biex jiffinanzjaw il-ħżin, l-għażla, il-ftuħ u l-ippakkjar.

3. L-għajjnuna speċifika għandha titħallas darba biss, b'dan illi l-fond ikun iffinanzjat kif ġej:

- 45 % mill-organizzazzjoni tal-produtturi,
- 10 % mill-Istat Membru.

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tkun 45 % tal-kapital tal-fond. Iżda, l-impenn finanzjarju globali ta' l-Istat Membru u tal-Komunità ma jistax jeċċedi is-16,5 % tal-valur tal-produzzjoni mibjugħa mill-organizzazzjoni tal-produtturi f'sena waħda tal-marketing.

#### Artikolu 14d

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jikkwalifikaw għall-għajjnuna li għalija jipprovdu Artikoli 14b u 14c bil-kondizzjoni li jippreżentaw proġett ta' titjib fil-kwalità u l-marketing approvat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru xieraq.

Il-proġett imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkollu bħala l-iskop ewlieni tiegħu t-titjib, permezz ta' konversjoni ta' varjetà jew titjib kulturali, tal-kwalità tal-prodott minn imsaġar li jinbidlu għall-produzzjoni ta' prodott omoġenju u li ma jkunux imferrxa qalb imsaġar oħra u, fejn meħtieġ, it-titjib fil-marketing. Għandu jimplimenta t-tipi ta' miżuri adottati skond il-proċedura msemmi f'Artikolu 33.

2. Il-pjan approvat għandu jikkwalifika għall-għajnuna tal-Komunità ta' 45 % għat-twertiq tiegħu kemm-il darba jiġi ffinanzjat sa livell ta' 45 % mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u livell ta' 10 % mill-Istat Membru.

Il-finanzjar minn Stat Membru u l-għajnuna mill-Komunità għandhom madankollu jkunu suġġetti għal limitu. Il-limitu għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi taż-żona tal-prodott li ma jkunx imferrex qalb imsaġar oħra u fuq il-bażi ta' ammont massimu għal kull ettaru.

L-iffinanzjar minn Stat Membru u l-għajnuna mill-Komunità għandhom jitħallsu matul perjodu ta' 10 snin. Il-livell massimu għandu jonqos bil-mod il-mod.

3. Waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jiffissa:

— l-ammont massimu għal kull ettaru impost fuq l-iffinanzjar minn Stat Membru u l-għajnuna mill-Komunità,

— ir-rata li biha l-iffinanzjar minn Stat Membru u l-għajnuna mill-Komunità għandhom jonqsu.

4. Stati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-proġetti mibgħuta lilhom mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Dawn il-proġetti jistgħu jkunu approvati mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru biss wara li jkunu ntbagħtu lill-Kummissjoni, u meta perjodu ta' 60 jum, li matulu l-Kummissjoni tista' titlob tibdil jew tirrifjutahom, ikun għadda.

#### Artikolu 14e

1. Il-Komunità għandha tipprovdi 50 % ta' l-iffinanzjar tal-miżuri immirati lejn l-iżvilupp u t-titjib tal-konsum u l-użu tal-ġewż u/jew imżiewed fil-Komunità.

2. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom bħala l-iskop tagħhom:

— li jipromwov u l-kwalità tal-prodott, b'mod partikolari permezz ta' riċerka tal-*marketing* u riċerka fużi ġodda tal-prodott, inklużi l-modi kif wieħed jaddatta l-prodotti għar-riżultati ta' din ir-riċerka,

— l-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' ppakkjar,

— it-tixrid ta' pariri tal-*marketing* lill-operaturi ekonomiċi varji fis-settur,

— l-organizzazzjoni ta', u l-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali u avvenimenti oħra.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Marzu 1989.

3. Filwaqt li ssegwi l-proċedura msemija f'Artikolu 33, il-Kummissjoni għandha tagħti dettalji tal-miżuri msemija fil-paragrafu 2 jew għandha tiddefinixxi miżuri ġodda.

#### Artikolu 14f

1. L-għajnuna li għaliha jipprovdu Artikoli 14c, 14d u 14e għandha titqies li tkun intervent maħsub biex jistabilizza s-swieq agrikoli skond it-tifsira ta' Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 729/70<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2048/88<sup>(2)</sup>.

2. Fir-rigward ta' l-għajnuna msemija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' l-Istat Membru interessat u skond il-proċedura li għaliha jipprovdi Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70, tiddeċiedi li tħallas parti inizjali ta' l-allokazzjonijiet fuq il-bażi tal-proġetti tat-titjib fil-kwalità u l-*marketing* approvati mill-Istati Membri.

#### Artikolu 14g

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura li għaliha jipprovdi Artikolu 33, tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu. Dawn ir-regoli għandhom jinkludu miżuri ta' xorta li jkunu jippermettu li l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja provduta mill-Komunità jkun sorveljat.

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 1."

4. F'Anness I, taħt l-intestatura "frott", dan li ġej huwa miżjud: "lewż, ġellewż jew siġar tiegħu u ġewż."

#### Artikolu 2

Fl-Anness li jnsab mar-Regolament (KEE) Nru 827/68 il-linja li tirreferi għall-imżiewed li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1212 10 10 hija mħassra.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-publikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ROMERO HERRERA